MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Numru 162/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**John Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom John Xuereb ta 48 sena mwieled 6 ta Ottubru 1958 Pieta bin Anthony u Rose nee Sant u residenti f'Flat no 4 Qasam Ta Pennellu Block B3 Mellieha detentur tal-karta ta l-identita numru 651958M gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-25 ta Frar 2007 u fil-jiem ta qabel ghamel falsifikazzjoni jew xjenetemet ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat

u cioe licenzja tal-vettura numru EAM 947 tal-ghamla Fiat 131

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura numru EAM 947 tal-ghamla Fiat 131 meta l-istess vettura ma kienitx licenzjata ghas-sena kurrenti

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jaghmel transfer tal-registrazzjoni talo-vettura fi zmien sebat ijiem

Il-qorti giet mitluba li tiskwalifika min kull licenzja tas-sewqan lil John Xuereb ghall perjodu li l-qorti jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol.8 tal-Process (Dok. TS3) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Brian Farrugia li fis-Seduta tallum xehed illi: "Ghan-nom tad-Direttorat tal-ADT nghid illi b'referenza ghal vettura EAM 947 tal-ghamla Fiat 131 it-transfer sar fis-27 ta' Frar tas-sena 2007 u l-vettura giet registrata fuq isem John Xuereb karta ta' identita' numru 651958 (m). Nixtieq inzid nghid illi in kwantu ghall-vettura EAM 947, dina kellha l-licenzja taghha imhallsa fis-27 ta'

Frar tas-sena 2007 liema licenzja kienet skadiet fil-31 ta' Mejju tas-sena 2006."

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, fid-dawl ta dak li xehed Brian Farrugia, iddikjarat li f'dan il-kaz ma japplikax dak previst fl-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 183, 184 u 186 tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u r-Regolamenti 14(1), 29 u 51(7)(a) tal-A.L. 476/2004.

Issib lill-imputat John Xuereb, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bi shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat John Xuereb ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u sittin Liri Maltin (Lm60) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat John Xuereb jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat John Xuereb milli jkollu jew mill jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien ghaxar (10) tijiem millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------